aquatic
RESOURCES MALTA

# visionARM 2050



Viżjoni għar-Riċerka fis-Sajd u fl-Akkwakultura

aquatic
RESOURCES MALTA

# visionARM 2050

Diċembru 2025



> Sal-2050, ARM trid tkun eżempju ta' kif stati gżejjer żgħar jistgħu jmexxu fl-amministrazzjoni ta' sfidi akkwatiċi u klimatiċi permezz ta' governanza ibbażata fuq ir-riċerka, il-kollaborazzjoni u l-viżjoni għat-tul

01

# Sommarju Eżekuttiv

**Aquatic Resources Malta (ARM)** hija l-Aġenzija nazzjonali responsabbli mir-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp tekniku fl-akkwakultura u s-sajd.

**VisionARM 2050** tidentifika l-qafas u l-aġenda għall-evoluzzjoni tal-aġenzija f'ċentru modern ta' eċċellenza - istituzzjoni immexxija mir-riċerka u mix-xjenza, li tappoġġja futur blu sostenibbli, kompetittiv u ambjentalment responsabbli għall-gżejjer maltin. Id-dokument huwa strutturat f'erba' taqsimiet ewlenin:

1. **Trasformazzjoni Strateġika** - tiddeskrivi l-kuntest, l-istrateġiji ġenerali u l-ambizzjonijiet fit-tul ta' VisionARM 2050.
2. **Erba' Pilastri Strateġiċi** - tippreżenta l-qafas fundamentali tal-viżjoni, bit-tfassil tal-objettivi, il-prijoritajiet u l-miri li jiggwidaw l-implimentazzjoni tagħha.
3. **Moniteraġġ u Twettieq** - tidentifika l-fażijiet ta' moniteraġġ, evalwazzjoni u rappurtar b'rabta mal-progress sabiex jiġu żgurati l-kontabbiltà u t-titjib kontinwu.
4. **Pjan ta' Azzjoni f'Fażijiet** - tistabbilixxi s-sekwenza, il-miri intermedji u r-riżultati meħtieġa biex jitwettqu l-ambizzjonijiet tal-Erba' Pilastri Strateġiċi u jintlaħqu l-miri ta' VisionARM 2050.

VisionARM 2050 tqiegħed lil ARM bħala katalist għall-eċċellenza xjentifika, l-innovazzjoni fil-politika u l-iżvilupp sostenibbli fl-ekonomija blu ta' Malta. Sal-2050, ARM trid tkun eżempju ta' kif stati gżejjer żgħar jistgħu jmexxu fl-amministrazzjoni ta' sfidi akkwatiċi u klimatiċi permezz ta' governanza ibbażata fuq ir-riċerka, il-kollaborazzjoni u l-viżjoni għat-tul.



> VisionARM 2050 tiżgura li l-amministrazzjoni tar-riżorsi akkwatiċi ta' Malta tikkontribwixxi direttament għall-futur reżiljenti, inklużiv u sostenibbli li għalih il-pajjiż qed jimmira

02

# Trasformazzjoni Strateġika

## Allinjament tar-Riċerka Akkwatika ma' Vision 2050 ta' Malta

VisionARM 2050 tibni fuq il-qafas nazzjonali ta' Viżjoni għal Malta 2050 billi tittrasponi l-għanijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali wiesgħa ta' din il-viżjoni fil-qasam tar-riċerka fis-sajd u l-akkwakultura. Bħala l-aġenzija speċifika għar-riċerka akkwatika ta' Malta, Aquatic Resources Malta (ARM) tallinja l-istrateġija tagħha mal-prijoritajiet nazzjonali billi tippromwovi l-eċċellenza xjentifika, l-amministrazzjoni sostenibbli tar-riżorsi, il-ħiliet għal ekonomija ekoloġika akkwatika u marittima, u governanza innovattiva. B'dan il-mod, VisionARM 2050 tiżgura li l-amministrazzjoni tar-riżorsi akkwatiċi ta' Malta tikkontribwixxi direttament għall-futur reżiljenti, inklużiv u sostenibbli li għalih il-pajjiż qed jimmira.

## Il-Viżjoni f'Numri

Il-pjan fit-tul ta' Aquatic Resources Malta, VisionARM 2050, hu mibni fuq:

- Viżjoni waħda
- Erba' pilastri strateġiċi
- Erbgħin objettiv ta' viżjoni
- Tliet fażijiet ta' implimentazzjoni.

Ir-roadmap ta' VisionARM 2050 tkopri l-perijodu 2025–2050.

## Oriġini Istituzzjonali u Sfidi Inizjali

Aquatic Resources Malta (ARM) tinstab fi stadju kruċjali tal-iżvilupp istituzzjonali tagħha. Imwaqqfa fl-2023, u operattiva mill-2024, ARM hija l-aġenzija governattiva speċifika għar-riċerka fil-qasam tas-sajd u l-akkwakultura.[1] L-aġenzija għandha r-responsabbiltà li tamministra, timmaniġġja u twettaq l-obbligi ta' Malta fir-rigward tal-ġbir u s-sottomissjoni ta' dejta fil-livell ta' UE; tistabbilixxi mill-ġdid attivitajiet ta' riċerka u konservazzjoni fis-sajd u l-akkwakultura; tindirizza kwistjonijiet li għadhom pendenti fir-riċerka fil-qasam tas-sajd; tintroduċi proġetti u spedizzjonijiet ġodda ta' riċerka; ittejjeb il-kwalità tar-riċerka fis-settur; trawwem kollaborazzjonijiet professjonali ma' istituzzjonijiet nazzjonali, Ewropej, u internazzjonali; u tistabbilixxi lilha nnifisha bħala punt ta' riferenza f'oqsma speċjalizzati kemm fuq livell Ewropew kif ukoll globali.

L-isfidi inizjali tal-organizzazzjoni fl-istadji fundamentali tagħha jinkludu:

- ħolqien ta' komunità ta' riċerkaturi fis-sajd u fl-akkwakultura;
- amministrazzjoni ta' faċilitajiet li għandhom bżonn ristrutturazzjoni;
- twaqqif ta' kultura fejn id-dejta tkun ipprovduta f'waqtha u preċiża;
- żvilupp ta' relazzjonijiet professjonali ma' istituzzjonijiet tal-UE;

1 Twaqqfet permezz ta' amalgamazzjoni bejn is-sezzjoni tar-riċerka fis-sajd fi ħdan dipartiment usa' u d-dipartiment tal-akkwakultura li fir-riċerka għal żmien twil ma kienx attiv wisq.

- involviment fi proġetti ta' riċerka li jappoġġjaw l-użu sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi;
- sħubija ma' sajjieda, partijiet interessati fl-industrija, u istituzzjonijiet ta' riċerka;
- li jiġu attirati akkademiċi u xjenzjati.

Bħala parti integrali tar-rwol statutorju tagħha, ARM hija kommessa wkoll li:

- twettaq riċerka biex jinħoloq għarfien ġdid li jkun rilevanti għall-industrija, il-komunità tas-sajd, u l-pubbliku inġenerali;
- tipproponi lill-gvern biex il-proġetti ta' riċerka akkwatika u ta' konservazzjoni, li bħalissa huma mifruxa fost diversi entitajiet u dipartimenti f'għadd ta' Ministeri, jinġiebu flimkien għal aktar effiċjenza, integrazzjoni u impatt.
- tinvestiga kwistjonijiet rikorrenti li jagħmlu ħsara lill-ambjent marittimu u akkwatiku, u tipprovdi rakkomandazzjonijiet xjentifikament ibbażati li jimmitigaw l-impatti negattivi.

## Viżjoni u Trasformazzjoni Strateġika

ARM se tkun qed tidħol f'perijodu ta' trasformazzjoni kuraġġuża u strateġika. Il-viżjoni tagħha għall-2050 hija li tkun istituzzjoni stabbilita ta' riċerka, iddedikata għar-riċerka u l-innovazzjoni fis-sajd u l-akkwakultura. Din tirrappreżenta bidla deċiżiva: minn entità primarjament amministrattiva, iċċentrata fuq il-ġbir u s-sottomissjoni ta' dejta rigward is-sajd u bi ftit li xejn attività fl-akkwakultura, għal awtorità proattiva fl-eċċellenza xjentifika.

## Bini ta' Kapaċità, Żvilupp ta' Ħiliet, u Tkabbir

Ċentrali għal din it-trasformazzjoni hija l-enfasi qawwija fuq it-taħriġ tal-impjegati u l-iżvilupp professjonali kontinwu biex tinbena l-kapaċità u l-esperjenza interna, jinżamm l-għarfien istituzzjonali, u jiġu attirati professjonisti b'ħiliet tekniċi, esperjenza u kwalifiki għoljin.

Filwaqt li tibqa' żżomm u ssostni d-dmirijiet obbligatorji tagħha, ARM se tkun qiegħda tippromwovi attivament sħubijiet professjonali fir-riċerka – billi tgħaqqad il-ħidma tagħha ma' sajjieda u r-rappreżentanti tagħhom, l-industriji tal-akkwakultura u s-sajd, u istituzzjonijiet ta' riċerka nazzjonali u internazzjonali. Dawn ir-relazzjonijiet kollaborattivi jiżguraw li r-riċerka li ssir minn ARM tkun rilevanti, tħalli impatt, u allinjata direttament mar-realtajiet prattiċi u l-għanijiet ta' sostenibbiltà fis-settur.

Din il-bidla strateġika fil-viżjoni teħtieġ it-tielet fattur importanti: l-iżvilupp tal-ewwel faċilitajiet f'Malta tal-aqwa livelli għal riċerka avvanzata li tilħaq il-miri ambizzjużi fis-sajd u l-akkwakultura.

## Governanza u Qafas Kollaborattiv

Ħtieġa kbira għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' din il-viżjoni hija qafas robust ta' governanza. L-istrateġija teħtieġ impenn koordinat u kollaborattiv bejn diversi ministeri, dipartimenti governattivi, awtoritajiet, aġenziji, istituzzjonijiet, NGOs u partijiet interessati. Dan jinvolvi koordinazzjoni trasversali bejn id-dipartimenti, l-entitajiet, l-industrija u l-partijiet involuti fis-settur, u li jiġi żgurat l-allinjament tal-isforzi bejn dawn l-entitajiet. Dan il-mudell ta' governanza integrata se jappoġġja deċiżjonijiet trasparenti, jippromwovi responsabbiltà konġunta, u jippermetti tmexxija li kapaċi tadatta ruħha u tindirizza sfidi xjentifiċi, ekonomiċi u soċjali li qed jevolvu.

## Viżjoni Strateġika

Sal-2050, Aquatic Resources Malta (ARM) tkun saret iċ-ċentru nazzjonali ta' Malta ta' eċċellenza għar-riċerka fis-sajd u l-akkwakultura – kontributriċi ewlenija għall-innovazzjoni fil-politika u l-amministrazzjoni tar-riżorsi, u rikonoxxuta madwar l-UE, il-Mediterran, u globalment. ARM se tkun leader fil-qasam permezz ta' riċerka, studji akkademiċi, u sħubijiet, u hekk tiżgura futur reżiljenti, sostenibbli u produttiv għar-riżorsi akkwatiċi ta' Malta.

03

# Erba' Pilastri Strateġiċi

## Qafas Integrat għat-Trasformazzjoni

VisionARM 2050 tissejjes fuq erba' pilastri strateġiċi li jirrappreżentaw il-pedament tat-trasformazzjoni ta' Aquatic Resources Malta (ARM) f'istituzzjoni nazzjonali u reġjonali ewlenija fir-riċerka, il-politika u l-innovazzjoni akkwatika. Dawn il-pilastri jirriflettu oqsma ta' investiment, riforma u żvilupp tal-kapaċità li se jfasslu d-direzzjoni futura u l-impatt fit-tul ta' ARM. Il-pilastri huma:

a. Eċċellenza Xjentifika u Innovazzjoni
b. Tmexxija Sostenibbli tar-Riżorsi u Reżiljenza tal-Ekosistemi
ċ. Persuni u Ħiliet għall-Ekonomija Blu
d. Governanza, Sħubijiet u Trasformazzjoni Diġitali.

Kull pilastru jindirizza dimensjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali speċifiċi – iżda hija l-interdipendenza ta' bejniethom li tagħti koerenza lill-viżjoni kollha. Minflok ma jiffunzjonaw separatament minn xulxin, il-pilastri jikkostitwixxu ekosistema integrata ta' trasformazzjoni, fejn l-għarfien jiċċirkola bejn l-oqsma differenti, is-sħubijiet ikabbru l-impatt, u s-sostenibbiltà fit-tul tintlaħaq permezz ta' ħsieb sistemiku.

Kollha flimkien, dawn l-elementi għandhom l-għan li jippożizzjonaw lil ARM mhux biss bħala istituzzjoni ta' riċerka, iżda wkoll bħala katalista għal żvilupp reżiljenti, ibbażat fuq l-għarfien, u l-iżvilupp inklużiv tar-riżorsi akkwatiċi ta' Malta. Kull pilastru jinkludi sensiela ta' Objettivi tal-Viżjoni li jiddeskrivu l-inizjattivi u r-riżultati speċifiċi li ARM se ssegwi u twettaq sal-2050.



> Dan l-investiment jappoġġja sostenibbiltà ambjentali u għandu l-għan li jsaħħaħ il-kompetittività ekonomika fil-qasam akkwatiku Malti u li jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' xogħol permezz ta' organizzazzjoni u innovazzjoni bbażati fuq ir-riċerka



# L-1 Pilastru

# Eċċellenza Xjentifika u Innovazzjoni

## Kuntrast

Il-missjoni statutorja ta' ARM għandha l-għeruq tagħha fil-ġenerazzjoni u l-applikazzjoni tal-għarfien xjentifiku biex tiggwida l-użu sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ta' Malta. ARM trid tistabbilixxi lilha nnifisha bħala ċentru xjentifiku billi tinvesti f'infrastruttura, sistemi ta' riċerka, u ekosistemi tal-innovazzjoni kemm fis-sajd kif ukoll fl-akkwakultura.

Dan l-investiment jappoġġja sostenibbiltà ambjentali u għandu l-għan li jsaħħaħ il-kompetittività ekonomika fil-qasam akkwatiku Malti u li jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' xogħol permezz ta' organizzazzjoni u innovazzjoni bbażati fuq ir-riċerka. L-internazzjonalizzazzjoni tar-riċerka – permezz ta' parteċipazzjoni f'netwerks globali, proġetti konġunti, u skambji ta' għarfien – se tkun mutur ewlieni ta' eċċellenza xjentifika u rilevanza.

## Objettivi tal-Viżjoni

- Tirrestawra l-faċilitajiet ta' riċerka attwali f'Forti San Luċjan b'mod li dawn ikunu kapaċi jospitaw proġetti u attività ta' riċerka u konservazzjoni fis-sajd u fl-akkwakultura. Din hija fost l-ewwel azzjonijiet immedjati li se tittieħed biex jiġi żgurat li l-obbligi attwali fil-qasam tas-sajd jitwettqu b'mod korrett u jiġu introdotti proġetti ġodda, filwaqt li jiġu promossi proġetti ta' riċerka u konservazzjoni fl-akkwakultura.
- Twaqqaf l-ewwel ċentru għar-riċerka avvanzat fis-sajd u l-akkwakultura f'Malta, inkluż laboratorji b'kapaċitajiet fil-ġenetika tal-ħut, dijanjosi tal-mard, nutrizzjoni, sigurtà tal-ikel u bijosigurtà, programmi ta' riproduzzjoni, u valutazzjonijiet ta' impatti ambjentali.
- Tmexxi riċerka fis-sajd u l-akkwakultura fuq livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali, inkluż il-pubblikazzjoni ta' artikli xjentifiċi ta' riċerka f'ġurnali akkademiċi.
- Tespandi sħubijiet internazzjonali ta' riċerka u rappreżentanza f'netwerks xjentifiċi globali.
- Tappoġġja proġetti ta' riċerka u innovazzjoni permezz ta' kollaborazzjonijiet mal-industrija u l-partijiet interessati.
- Tesplora l-possibbiltà ta' kollaborazzjonijiet pubbliċi-privati.
- Isservi bħala sit ta' prova għal riċerka innovattiva u primarja.
- Tappoġġja l-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali fis-sajd u l-akkwakultura.
- Tiżviluppa aġenda nazzjonali għal Riċerka u Innovazzjoni fl-akkwakultura, inkluż ikel alternattiv, titjib ġenetiku, u sistemi b'impatt baxx.
- Tespandi r-riċerka fl-akkwakultura biex tappoġġja l-produzzjoni lokali sostenibbli tal-ħut.
- Tidentifika speċi alternattivi ta' ħut adattati għall-akkwakultura f'Malta, speċifikament għall-konsum lokali.
- Tfittex li tiddiversifika u ssaħħaħ is-settur tal-akkwakultura f'Malta permezz ta' prattiki sostenibbli u b'bażi xjentifika.
- Tippromwovi s-sajd fost il-ġenerazzjoni li tielgħa, kemm permezz tas-sajd innifsu kif ukoll tax-xjenzi akkwatiċi.
- Tirriċerka kwistjonijiet rikorrenti u l-effetti tal-akkwakultura, inkluż l-impatti pożittivi tagħha (eż. sigurtà fl-ikel, opportunitajiet ekonomiċi) u l-impatti negattivi (eż. degradazzjoni ambjentali, effetti fuq il-popolazzjonijiet ta' ħut selvaġġ), u rakkomandazzjonijiet prattikabbli biex dawn jiġu indirizzati.



ARM se ssaħħaħ ukoll ir-rwol tagħha fil-konservazzjoni, speċjalment rigward speċi li jinsabu f'riskju, permezz tar-riċerka, il-protezzjoni tal-ambjenti naturali, u strateġiji ta' rkupru ta' popolazzjonijiet

# Tmexxija Sostenibbli tar-Riżorsi u Reżiljenza tal-Ekosistemi

## It-2 Pilastru

### Kuntrast

Bil-pressjonijiet dejjem jiżdiedu fuq ir-riżorsi akkwatiċi u l-bijodiversità, ARM trid tintegra l-amministrazzjoni tas-settur tas-sajd mal-konservazzjoni tal-ekosistemi u l-adattament għall-klima. Se tippromwovi prattiki bbażati fuq l-ekosistemi, l-ippjanar spazjali tal-baħar, u r-restawr tal-ambjenti akkwatiku u naturali.

Dawn l-isforzi jridu jibbilanċjaw il-prijoritajiet ekoloġiċi mal-bżonnijiet ekonomiċi tal-komunitajiet kostali u l-importanza soċjali tas-sajd tradizzjonali.

ARM se ssaħħaħ ukoll ir-rwol tagħha fil-konservazzjoni, speċjalment rigward speċi li jinsabu f'riskju, permezz tar-riċerka, il-protezzjoni tal-ambjenti naturali, u strateġiji ta' rkupru ta' popolazzjonijiet. Il-monitoraġġ aktar avvanzat tal-istokk u l-integrazzjoni tad-dejta mhux biss itejbu l-abbiltà tagħna li nipproteġu l-ispeċi protetti jew li huma f'riskju, iżda wkoll b'mod dirett itejbu l-immaniġġjar u l-produttività tas-settur tas-sajd.

ARM se taħdem biex tippromwovi s-settur tas-sajd kemm bħala ħila artiġjanali neċessarja kif ukoll bħala settur li jħaddan l-innovazzjoni u t-teknoloġija, billi tipproteġi l-għarfien tradizzjonali filwaqt li tinkoraġġixxi t-trasmissjoni tiegħu lil ġenerazzjonijiet ġodda. Se tinvolvi wkoll attivament lis-sajjieda rikreattivi biex jifhmu aħjar l-impatt u l-potenzjal reali tas-sajd – kemm f'termini ta' sostenibbiltà kif ukoll ta' valur ekonomiku.

Bir-rikonoxximent li tagħti lis-sajjieda bħala detenturi ewlenin tal-għarfien u koriċerkaturi potenzjali, ARM se tħeġġeġ il-parteċipazzjoni tagħhom fil-ġbir tad-dejta u fl-isforzi ta' monitoraġġ, u hekk tippromwovi approċċ aktar inkluživ u infurmat lejn l-amministrazzjoni tar-riżorsi akkwatiċi. Dan se jgħin biex inaqqas l-impressjoni żbaljata u l-biżgħa marbutin mar-rapportar u jsaħħaħ il-fiduċja u l-kooperazzjoni, filwaqt li ssir rivitalizzazzjoni tas-settur tas-sajd.

### Objettivi tal-Viżjoni

- Tapplika prinċipji ta' mmaniġġjar ta' sajd adattivi bbażati fuq l-ekosistema.
- Issaħħaħ il-monitoraġġ tal-istokk u l-integrazzjoni tad-dejta – inkluż rigward l-ispeċi protetti u f'riskju – biex tappoġġja l-iżvilupp sostenibbli tas-sajd.
- Tippromwovi s-settur tas-sajd bħala mezz ta' għajxien artiġjanali apprezzat u inkoraġġiment għat-trasmissjoni tal-ħiliet bejn il-ġenerazzjonijiet.
- Tinvolvi lis-sajjieda rikreattivi u artiġjanali bħala koriċerkaturi biex jappoġġjaw il-ġbir tad-dejta, irawmu mexxejja, jgħaqqdu l-għarfien lokali mar-riċerka xjentifika, u jibnu fiduċja billi jnaqqsu l-impressjoni ħażina marbuta mar-rappurtar u l-infurzar.
- Tappoġġja r-restawr tal-ambjenti naturali marittimi u akkwatiċi, u inizjattivi favur karbonju ekoloġiku.
- Tikkontribwixxi għall-ippjanar u l-implimentazzjoni effettiva ta' Żoni Marittimi Protetti (MPA).
- Tippromwovi l-konservazzjoni tal-bijodiversità akkwatika permezz ta' kooperazzjoni reġjonali.
- Issaħħaħ is-settur tas-sajd permezz ta' prattiki sostenibbli, tmexxija mtejba, u involviment tal-komunità.
- Ittejjeb it-tmexxija u l-isforzi favur il-konservazzjoni permezz tal-użu ta' akkwakultura restorattiva u riġenerattiva.

> Biex tilħaq il-miri tal-viżjoni tagħha, ARM trid tipprovdi taħriġ prattiku u toħloq skemi ta’ apprendistat u mobilità għar-riċerka, inklużi opportunitajiet għal studji fil-livell ta’ dottorat u studji postdottorali



# It-3 Pilastru

# Persuni u Ħiliet għall-Ekonomija Blu

## Kuntrast

Biex tilħaq il-miri tal-viżjoni tagħha, ARM trid tiżviluppa u żżomm komunità ta' talent u multidixxiplinarja. Se jkollha wkoll rwol nazzjonali fl-iżvilupp ta' karrieri fir-riċerka fis-sajd u x-xjenzi akkwatiċi. Dan jinkludi kontribut għall-iżvilupp soċjali permezz tal-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjiegi ta' kwalità u karrieri.

Kampanji edukattivi pubbliċi se jkunu wkoll parti mill-istrateġija usa' ta' involviment ta' ARM, bil-għan li jiżdied l-għarfien fost il-pubbliku dwar l-importanza tal-ekosistemi akkwatiċi, il-konservazzjoni, u l-prattiki sostenibbli.

ARM se tikkollabora wkoll mal-iskejjel u l-istituzzjonijiet terzjarji biex tiżgura li x-xjenza akkwatika tiġi integrata aktar fil-kurrikulu tat-tagħlim, billi toffri esperjenzi aktar interattivi u prattiċi kemm għall-edukaturi kif ukoll għall-istudenti. Il-programmi tal-iskejjel tas-sajf u l-inizjattivi interattivi ta' kuntatt se jagħtu liż-żgħażagħ esperjenza diretta tas-settur, u hekk jiżviluppaw interess bikri u toroq għal karrieri fit-tul.

## Objettivi tal-Viżjoni

- Tipprovdi żjarat informattivi fil-faċilitajiet ta' riċerka tal-Aġenzija.
- Tippromwovi proġetti u spedizzjonijiet ta' riċerka biex tintwera l-varjetà tar-rwoli, il-kompiti, u l-ħiliet meħtieġa għal riċerka fis-sajd u l-akkwakultura.
- Toffri kundizzjonijiet kompetittivi, taħriġ u opportunitajiet ta' tkabbir biex kemm jista' jkun jinżammu l-impjegati.
- Tattira speċjalisti permezz ta' kampanji ta' reklutaġġ immirati u qafas ta' karrieri attraenti.
- Tipprovdi taħriġ prattiku u toħloq skemi ta' apprendistat u mobilità għar-riċerka, inklużi opportunitajiet għal studji fil-livell ta' dottorat u studji postdottorali.
- Tikkontribwixxi għal programmi eżistenti ta' Baċellerat u Master's – bħall-bijoloġija akkwatika u marittima, l-oċeanografija u sistemi ambjentali – inkluż il-possibbiltà li jitwaqqaf programm ta' Master's applikat bi sħab mal-Università ta' Malta, l-MCAST, u universitajiet Ewropej oħra.
- Tagħmel kampanji nazzjonali ta' sensibilizzazzjoni pubblika dwar is-sostenibbiltà u l-konservazzjoni tal-baħar.
- Tintegra studji dwar il-baħar u l-akkwakultura fil-kurrikulu skolastiku permezz ta' metodi aktar impenjattivi u esperjenzjali.
- Tistabbilixxi programmi għal skejjel tas-sajf li joħolqu konnessjoni diretta bejn l-istudenti mar-riċerka, il-konservazzjoni, u l-attivitajiet tas-sajd.



ARM se tadotta mudell kollaborattiv ibbażat fuq id-dejta li jippromwovi l-kontabbiltà, il-fiduċja tal-partijiet interessati, u l-innovazzjoni diġitali

Ir-4 Pilastru

# Governanza, Sħubijiet u Trasformazzjoni Diġitali

### Kuntrast

Governanza tajba teħtieġ trasparenza, parteċipazzjoni, u sistemi intelliġenti. ARM se tadotta mudell kollaborattiv ibbażat fuq id-dejta li jippromwovi l-kontabbiltà, il-fiduċja tal-partijiet interessati, u l-innovazzjoni diġitali. L-inklużjoni soċjali fir-riċerka hija prinċipju ewlieni f'dan l-approċċ. ARM se toħloq pjattaformi għal djalogu ma' gruppi differenti ta' partijiet interessati fl-oqsma tas-sajd u tal-akkwakultura, kif ukoll mal-pubbliku inġenerali, sabiex jinkiseb għarfien awtentiku tar-realtà, il-valur, u l-użu effettiv tar-riċerka.

Għodod diġitali se jappoġġjaw ukoll l-effiċjenza ekonomika u l-għoti tas-servizzi. Dan se jgħin biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-operaturi ż-żgħar u jiżguraw aċċess għad-dejta u s-servizzi.

### Objettivi tal-Viżjoni

- Twaqqaf Unità ta' Implimentazzjoni u Sorveljanza fi ħdan l-Uffiċċju tal-Kap Eżekuttiv (ARM) biex tissorvelja u tmexxi l-implimentazzjoni tal-objettivi ta' VisionARM 2050.
- Tintroduċi sistema diġitali integrata għall-immaniġġjar tad-dejta.
- Twaqqaf fora regolari għall-partijiet interessati u gruppi konsultattivi ta' esperti.
- Tirrappreżenta lil Malta f'inizjattivi ta' governanza akkwatika fl-UE u globalment.
- Tippopolarizza x-xjenza, it-trasparenza, u l-involviment tal-pubbliku inġenerali.
- Tuża pjattaformi diġitali soċjali għall-edukazzjoni pubblika u l-qsim tal-għarfien.
- Tikseb finanzjament għar-riżorsi umani, ir-riċerka, il-faċilitajiet u l-infrastruttura, u l-iżvilupp tas-servizzi.
- Torganizza seminars u konferenzi tematiċi biex jiġu disseminati r-riżultati tar-riċerka, u tippubblika xogħlijiet xjentifiċi mixtarra u approvati minn esperti fil-qasam f'pubblikazzjonijiet akkademiċi.



> ARM se tistabbilixxi sistema ta' reviżjonijiet perjodiċi u kontrolli adattivi taħt l-Unità ta' Implimentazzjoni u Sorveljanza (fl-Uffiċċju tal-Kap Eżekuttiv)

04

# Moniteraġġ u Twettieq

VisionARM 2050 tirrikonoxxi li l-istrateġiji fit-tul iridu jibqgħu flessibbli u kapaċi jwieġbu għall-isfidi u l-opportunitajiet li jqumu maż-żmien. Biex tiżgura rilevanza u effettività, ARM se tistabbilixxi sistema ta' reviżjonijiet perjodiċi u kontrolli adattivi taħt l-Unità ta' Implimentazzjoni u Sorveljanza (fl-Uffiċċju tal-Kap Eżekuttiv).

- Fit-tmiem ta' kull fażi tagħmel reviżjonijiet biex tassessja xi progress ikun sar meta mqabbel mal-objettivi tal-viżjoni, u taġġusta l-prijoritajiet fejn ikun meħtieġ.
- Tagħmel valutazzjonijiet intermedji tal-proġetti ewlenin biex tiżgura li l-objettivi se jintlaħqu u li r-riżorsi qed jintużaw b'mod effiċjenti. Dawn iservu bħala gwida għall-aġġustamenti li jridu jsiru fil-fażijiet ta' wara.
- Tara li jsiru reviżjonijiet bis-sehem ta' terzi biex il-kisbiet xjentifiċi u politiċi ta' ARM ikunu jipparagunaw tajjeb mal-aħjar prattiki internazzjonali.
- Flimkien ma' dawn ir-reviżjonijiet, ARM se tikkonsulta mal-partijiet interessati sabiex ir-rakkomandazzjonijiet u l-esperjenzi mis-sajjieda, l-industrija, is-soċjetà ċivili u l-akkademja jikkontribwixxu għall-proċess ta' adattament.
- Tagħmel rapporti annwali b'enfasi fuq il-kisbiet, l-isfidi, u l-prijoritajiet għall-futur.
- Dan il-proċess ta' reviżjoni adattiv jiżgura li VisionARM 2050 tkompli tevolvi bħala strateġija ħajja, imsaħħa bl-evidenza, maħluqa flimkien mal-partijiet interessati, u kapaċi tantiċipa u twieġeb għar-realtajiet akkwatiċi u klimatiċi ta' Malta.



05

# Fażijiet fit-Triq 'il Quddiem

It-trasformazzjoni ta' Aquatic Resources Malta (ARM) f'ċentru ta' riferenza reġjonali u internazzjonali teħtieġ approċċ ippjanat b'ħafna attenzjoni u miftuħ għall-adattament. It-triq 'il quddiem hija maqsuma f'fażijiet u tipprovdi struttura u direzzjoni li jiżguraw li l-investimenti, ir-riformi u s-sħubijiet jinbnew progressivament maż-żmien u jiġġeneraw ritmu konsistenti lejn VisionARM 2050. Kull fażi hija allinjata mal-erba' pilastri strateġiċi biex b'hekk tiġi żgurata koerenza bejn l-oqsma kollha ta' żvilupp.

## Fażi I

### Investimenti Fundamentali u Tisħiħ Istituzzjonali (2025–2030)

Il-prijorità immedjata ta' ARM hija li tikkonsolida l-bażi istituzzjonali tagħha billi tiżgura li jkollha l-faċilitajiet, l-esperjenza u s-sistemi bażiċi meħtieġa biex twettaq id-dmirijiet statutorji tagħha, filwaqt li tqiegħed il-pedamenti għal tkabbir fil-futur.

- **Infrastruttura:** Tirrestawra u timmodernizza l-faċilitajiet li jinsabu f'Forti San Luċjan biex tiżgura li l-laboratorji, it-tankijiet u s-sistemi tad-dejta jilħqu l-istandards li huma essenzjali għar-riċerka u l-monitoraġġ.
- **Kapital Uman:** Tkabbar il-kapaċità tal-persunal permezz ta' reklutaġġ, taħriġ, u żvilupp professjonali, b'enfasi fuq il-bini ta' esperjenza fil-bijoloġija tas-sajd, ix-xjenza tal-akkwakultura, l-ekoloġija akkwatika u marittima, u l-amministrazzjoni diġitali tad-dejta.
- **Disinn taċ-Ċentru għar-Riċerka:** Tiffinalizza d-disinji arkitettoniċi u tekniċi għal ċentru għar-riċerka ġdid, modern u ta' livell għoli, inklużi laboratorji avvanzati fil-ġenetika tal-ħut, in-nutrizzjoni fl-akkwakultura, u r-riċerka dwar l-adattament għall-klima. Tissottometti applikazzjonijiet għall-permessi meħtieġa għall-bini, toħroġ it-tenders, u tagħti bidu għall-kostruzzjoni taċ-ċentru għar-riċerka li ilu ħafna snin mistenni.
- **Governanza u Sistemi:** Tfittex li jinġiebu flimkien dipartimenti u entitajiet f'Ministeri differenti li b'xi mod huma involuti ma' aspetti relatati mas-settur, u ġġib aktar flimkien id-dejta miġbura individwalment jew bi sħab fl-interess ta' għarfien akbar tar-riżorsi akkwatiċi u s-sostenibilità tagħhom.
- **Riżultati Bikrija:** Tippubblika l-ewwel xogħlijiet xjentifiċi konsolidati, tniedi proġetti pilota fl-akkwakultura u fil-konservazzjoni, u tistabbilixxi sħubijiet inizjali ma' istituzzjonijiet ta' riċerka nazzjonali, Mediterranji, Ewropej u internazzjonali.



## Fażi II

### Tmexxija Reġjonali u Internazzjonalizzazzjoni (2031–2040)

Waqt li tkompli tibni fuq l-investimenti fundamentali tagħha, ARM se tpoġġi lilha nfisha f'pożizzjoni bħala punt ta' riferenza u rikonoxxuta bħala tali minn istituzzjonijiet oħra fil-Mediterran u l-Ewropa, kemm permezz ta' infrastruttura avvanzata kif ukoll bil-kollaborazzjonijiet internazzjonali.

- **Twaqqif ta' Ċentru għar-Riċerka:** Tiffinalizza, tikkummissjona u topera l-ewwel ċentru ddedikat għar-riċerka fis-sajd u l-akkwakultura f'Malta, iddisinjat b'mod li jilqa' fih laboratorji avvanzati, stazzjonijiet ta' riċerka fuq il-post, u faċilitajiet għat-taħriġ.
- **Eċċellenza Xjentifika:** Iżżid ir-riċerka peer-reviewed, tmexxi proġetti ewlenin tal-UE u internazzjonali, u sservi bħala ċentru fejn jiġu ttestjati teknoloġiji ġodda fl-amministrazzjoni tal-akkwakultura u s-sajd.
- **Spedizzjonijiet u Programmi Ġodda:** Tieħu rwol ċentrali, weħidha jew ma' istituzzjonijiet oħra, fi spedizzjonijiet ta' riċerka internazzjonali fis-sajd, l-akkwakultura u l-konservazzjoni akkwatika u marittima, b'mod li tkabbar il-preżenza xjentifika globali tagħha.
- **Reżiljenza tal-Ekosistemi:** Tintegra tmexxija bbażata fuq ekosistemi, strateġiji ta' adattament għall-klima, u proġetti ta' restawr tal-ambjenti naturali akkwatiku u marittimu fil-qafas tal-politika, biex hekk jiġi żgurat li l-impatti fuq il-bijodiversità u s-sostenibbiltà tas-sajd ikunu jistgħu jitkejlu.
- **Ħiliet u Karrieri:** Twaqqaf programmi postgradwati konġunti ma' istituzzjonijiet ta' riċerka akkreditati, tisponsorja studenti fi studji f'livell ta' dottorat u riċerkaturi postdottorali, u torganizza skambji internazzjonali ta' taħriġ li jwasslu biex Malta ssir ċentru għall-edukazzjoni fix-xjenza akkwatika.
- **Integrazzjoni Diġitali:** Topera b'mod sħiħ pjattaformi avvanzati tad-dejta li jikkonnettjaw riċerkaturi, sajjieda, regolaturi u l-pubbliku inġenerali. Hekk ARM tkun f'pożizzjoni ta' tmexxija f'dik li tissejjaħ xjenza miftuħa u fl-innovazzjoni diġitali fil-governanza akkwatika u marittima.

## Fażi III

### Konsolidazzjoni u Rikonoxximent Globali (2041–2050)

Sal-2050, ARM se tkun istituzzjoni ta' riċerka stabbilita u punt ta' riferiment internazzjonali għall-governanza akkwatika bbażata fuq ix-xjenza, b'mod partikolari fil-kuntest tal-istati gżejjer żgħar u r-reżiljenza klimatika.

- **Rwol ta' Referenza Globali:** Isservi bħala aġenzija ta' riċerka ta' riferiment f'oqsma speċjalizzati bħall-ġenetika akkwatika, l-amministrazzjoni ta' sajd ekoloġikament sostenibbli, u l-konservazzjoni tal-bijodiversità Mediterranja.
- **Leader fil-Politika:** Taġixxi bħala konsulent ta' fiduċja għall-gvern Malti u għal istituzzjonijiet tal-UE fil-formulazzjoni ta' politiki dwar is-sajd, l-akkwakultura, il-konservazzjoni akkwatika u marittima u l-istrateġiji għal ekonomija ekoloġika akkwatika.
- **Governanza Inklużiva:** Topera bħala mudell ta' governanza parteċipattiva, trasparenti u bbażata fuq ix-xjenza, fejn is-sajjieda, il-komunitajiet u l-partijiet interessati fl-industrija joħolqu flimkien prijoritajiet ta' riċerka u ta' tmexxija.
- **Trasferiment tal-Għarfien:** Tappoġġja t-trasferiment tal-għarfien u l-għoti ta' assistenza teknika lil stati gżejjer żgħar u Mediterranji, billi taqsam magħhom il-mudell Malti ta' governanza u ta' riċerka akkwatika integrata.
- **Impatt Ekonomiku u Soċjali:** Tikkontribwixxi b'mod tanġibbli għall-ekonomija ekoloġika akkwatika ta' Malta billi tiżgura katini tal-provvista tal-ikel, tappoġġja industriji sostenibbli tal-akkwakultura, u toħloq impjiegi ta' valur għoli bbażati fuq ir-riċerka.
- **Sostenibbiltà fit-Tul:** Tiżgura li ċ-Ċentru għar-Riċerka kif ukoll il-programmi ta' ARM ikunu sostenibbli kemm finanzjarjament kif ukoll istituzzjonalment, b'sorsi ta' finanzjament diversifikati mill-gvern, programmi tal-UE, u sħubijiet pubbliċi-privati.

06

# Konklużjoni

VisionARM 2050 tistabbilixxi direzzjoni ċara ħafna u trasformattiva għall-futur tal-governanza, ir-riċerka u l-innovazzjoni fir-riżorsi akkwatiċi ta' Malta. Din il-viżjoni mhijiex sempliċement triq 'il quddiem għal żvilupp istituzzjonali; hija impenn nazzjonali favur sostenibbiltà akkwatika, eċċellenza xjentifika u tkabbir inklużiv.

Permezz tal-erba' pilastri strateġiċi tagħha, VisionARM 2050 tiddefinixxi approċċ integrat li jindirizza l-isfidi ambjentali, ekonomiċi u soċjali tal-ġejjieni fis-settur – u hekk tiżgura li l-ekosistemi akkwatiċi ta' Malta u l-ekonomija ekoloġika marittima tagħha jkunu reżiljenti, produttivi u kapaċi jilqgħu għall-isfidi tal-futur.

Biex l-implimentazzjoni ta' din il-viżjoni tirnexxi jinħtieġ mhux biss allinjament fil-politika u kapaċità teknika imma wkoll sens ta' skop kondiviż bejn il-gvern, l-akkademja, l-industrija u s-soċjetà ċivili. VisionARM 2050 tistieden lill-partijiet interessati kollha biex jikkontribwixxu għal din it-trasformazzjoni: biex joħolqu l-għarfien flimkien, jaġixxu b'mod responsabbli, u jiggwidaw il-futur akkwatiku ta' Malta b'viżjoni u determinazzjoni.

Sal-2050, ARM mhux biss se tirrifletti l-ogħla standards ta' eċċellenza xjentifika u istituzzjonali, iżda wkoll se sservi bħala mudell għall-istati gżejjer żgħar li għandhom quddiemhom futur akkwatiku u klimatiku kumpless. Il-vjaġġ jibda issa – b'investiment intenzjonat, kollaborazzjoni transettorjali, u ambizzjoni li tiġbor u tgħaqqad biex ikun żgurat il-benessri fit-tul tal-ambjent akkwatiku u marittimu ta' Malta u tal-komunitajiet li jiddependu minnu.



visionARM 2050

Aquatic Resources Malta

+356 2292 6900

vision.arm@gov.mt

aquaticresources.gov.mt

Aquatic Resources Malta,
Fort San Luċjan, Triq il-Qajjenza,
Marsaxlokk, BBG 1283